# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2024**

**Numru: 7**

**Rikors numru 830/2021/1 LM1**

**Reverendu Fr Carmel Busuttil**

**v.**

**Awtorità tad-Djar;**

**Avukat tal-Istat;**

**Joseph Spiteri u Helen Spiteri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mir-rikorrenti Reverendu Fr Carmel Busuttil fit-3 ta' Frar, 2023 sabiex tinbidel sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Frar, 2023. F'din is-sentenza appellata ġie deċiż li l-attur (issa appellant) ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu

għat-tgawdija tal-proprjetà taħt **l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba t-tħaddim tal-Kap.125 u Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta**. Bħala rimedji l-Ewwel Qorti ordnat: (i) kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrent *ai termini* tal-ligi fl-ammont kumplessiv ta' ħamsa u għoxrin elf u tliet mitt ewro (€25,300), b'dan illi ħamest elef ewro (€5,000) minn dan il-kumpens għandhom jitħallsu mill-intimata Awtorità tad-Djar u rimanenti għoxrin elf u tliet mitt ewro (€20,300) mill-intimat Avukat tal-Istat.

**Daħla**

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *«i."Illi r-rikorrenti huwa proprjetarju tal-fond 186/187,Triq Santu Rokku,Birkirkara, li huwa akkwista mingħand il-ġenituri tiegħu b'kuntratt tat-2 ta' Ġunju, 1977 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A";*
>
> *ii. Illi l-fond in kwistjoni kien ġie assenjat lil Theresa Busuttil b'kuntratt ta' diviżjoni tas-17 ta' Ġunju, 1964 fl-atti tan-Nutar Emanuele Agius, hawn anness u mmarkat bħala "Dokument B";*
>
> *iii. Illi b'kuntratt tat-8 ta' Ottubru, 1984, fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut, ir-rikorrenti kien ikkonċeda titolu ta' enfitewsi temporanja għal 25 sena l-fond imsmemi lil Vincent Mizzi versu ċens annwu u temporanju ta' LM100 fis-sena li bdew jgħaddu mit-23 ta' Jannar, 1985, hawn anness u mmarkat "Dokument Ċ";*
>
> *iv. Illi dan iċ-ċens annwu u temporanju skada fit-22 ta' Jannar, 2010 u fil-fond imsemmi;*
>
> *v. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirriżulta mid-"Dokument D" hawn anness;*
>
> *vi. Illi wara li kien skada ċ-ċens annwu u temporanju fit-22 ta' Jannar,*

*2010, fil-post kien hemm l-intimati Joseph u Helen Spiteri li kienu daħlu fil-post bis-saħħa ta' ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa mill-Awtorità tad-Djar qabel l-iskadenza tal-konċessjoni enfitewtika temporanja hawn fuq riferita, u dan stante illi Vincent Mizzi kien ħa xi plot u/jew xi dar tal-Awtorità tad-Djar u kellu jagħti ċ-ċwievet lill-istess Awtorità;*

*vii. Illi dawn iċ-ċwievet ġew konsenjati lill-intimati Spiteri u r-rikorrenti kellu jirrikonoxxi lill-intimati Spiteri għaż-żmien li kien għad fadal mill-konċessjoni enfitewtika temporanja, Dokument C, u li jibqgħu jabitaw fl-istess post wara t- terminazzjoni tal-konċessjoni enfitewtika temporanja bis-saħħa tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni fuq riferita;*

*viii. Illi kif fuq ingħad, il-kera li l-intimat qed iħallas kwantu għall-fond de quo jammonta għal €212.00 fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijiet tal-Liġi, liema disposizzjonijiet ġew mibdula xi ftit bl-Att X tal-2009;*

*ix. Illi r-rikorrenti ġew iffaċċjati b'din l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni b'mod inġust u b'mod abbużiv u wara li l-Awtorità tad-Djar insistiet u esiġiet li toħroġ din l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni, u liema Ordni ta' Rekwiżizzjoni tikser id-drittijiet kostituzzjonali*
*tagħhom a tenur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan stante illi l-kera li imponewlhom li jirċievu ma kienx il-kera tas-suq u lanqas proporzjonali għad-drittijiet tagħhom bħala sidien;*

*x. Illi l-Gvern arbitrarjament iffissa l-kera pagabbbli fis-sena lir-rikorrenti liema somma hija naturalment waħda minima ħafna u żgur ma kinitx tirrifletti l-valur kummerċjali tal-fond;*

*xi. Illi l-intimati jew min minnhom għandhom iħallsu d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba dak impost fuqhom b'din ir-rekwiżizzjoni li kisret id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;…»*

3. Peress li dehrlu li dan kollu seħħ bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu mħarsin bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll huwa fis-sens li minħabba l-Kap 125 u l-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur fetaħ il-Kawża tal-lum u talab lill-Qorti jogħġobha:

*"(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi minħabba ċ-ċirkostanzi u fatti suesposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors u minħabba l-*

*Ordni ta' Rekwiżizzjoni de quo, minħabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 125 u Kap. 158 tal- Liġijiet ta' Malta, teżisti leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u li l-effetti ta' tali Ordni ta' Rekwiżizzjoni għadhom sa llum jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali,kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti;*

*(ii) Konsegwentement, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni tal-fond 6, Triq l-Isptar, Rabat, Malta [sic!], proprjetà tar-rikorrenti, a favur tal-intimati Joseph Spiteri (K.I. 117751M) u Helen Spiteri (K.I. 482954M) tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju jitterminaw il-lokazzjoni relattiva u jikkanċellaw għall-effetti kollha tal-liġi r-rekwiżizzjoni relattiva,oltre rimedji oħra li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa;*

*(iii) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rekwiżizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk tal-inkwilini, stante illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni;*
*(iv) Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Liġi;*

*(v) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni tal-intimat minn issa in subizzjoni."*

4. L-Avukat tal-Istat, tal-Awtorità tad-Djar u Joseph u Helen Spiteri li ressqu t-tweġiba separata tagħhom, fejn fissru li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

5. B'sentenza mogħtija fl-1 ta' Frar, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li qieset il-fatturi u r-raġunijiet kollha ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha

sollevati mill-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż u ddisponiet mit-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

> *"1.Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li minħabba l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni numru 29223 maħruġa fl-1986, kif ukoll minħabba fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 125 u tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew miksura l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent;*
>
> *2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent limitatament safejn dan talab lill-Qorti tiddikjara li l-kirja odjerna hija leżiva tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, iżda tiċħad il-kumplament tat-talba safejn ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tittermina l-lokazzjoni inkwistjoni;*
>
> *3. Tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf u tliet mitt Euro (€25,300), b'dan illi ħamest elef Euro minn dan il-kumpens għandhom jitħallsu mill-intimata Awtorità tad-Djar u rrimanenti għoxrin elf u tliet mitt Euro (€20,300) mill-intimat Avukat tal-Istat;*
>
> *4. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn inkompatibbli ma' din id-deċiżjoni.*
>
> *L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu kwantu għal kwint mill-intimata Awtorità tad-Djar u r-rimanenti erba' kwinti mill-intimat Avukat tal-Istat."*

6. Ir-rikorrent Reverendu Fr Carmel Busuttil, b'rikors imressaq f' **<u>3 ta' Frar, 2023,</u>** saħaq li: (i) l-Ewwel Onorabbli Qorti, f'dak li jirrigwarda danni pekunjarji, kellha tillikwida preċiżament 50% tat-total ta' kera perċepibbli meta wieħed inaqqas il-kera perċepita tul is-snin; (ii) li d-danni morali kellhom ikunu akbar.

7. L-intimat Avukat tal-Istat wieġbeb għal dan l-appell fit-**<u>3 ta' Jannar,</u>**

**2024** u qal li jaqbel mal-import tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u li hija ġusta u timmerita konferma.

8. Inżamm smigħ fil-**ħamsa (5) ta' Ġunju 2023** u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

9. Qabel ma' tqis l-appell tar-rikorrent, din il-Qorti tosserva li ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet ksur tad-dritt fondamentali tal-atturi mħarsa taħt Artikolu tal-1 Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-parti tas-sentenza appellata għalhekk illum hija finali.

***Konsiderazzjonijiet:***

10. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li l-appell jolqot il-*quantum* ta' kumpens pekunjajru u kumpens non-pekunjajru mogħti mill-Ewwel Qorti. Fil-fehma tiegħu r-rikorrent, Reverendu Fr Carmel Busuttil il-kumpens mogħti lillu kellu jkun aktar. L-appellant ifisser l-aggravji tiegħu hekk:

> *»Illi l-appellanti jħossu aggravat b'din it-tali sentenza stanti li ai termini tas-sentenza* ***Cauchi vs Malta*** deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021, huwa kellu jircievi 50% tad-danni minnu sofferti bejn il-perjodu tat-8 ta' Ottubru 2009 sad-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018*… Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kositutzzjonali) ma llikwidatx id-dannu non-pekunjarju dovut lir-rikorrenti ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoonu Ewropeja kif mitlub minnu stess fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti illum appellant»*

11. L-intimat Avukat tal-Istat jwieġeb għal dan l-aggravju billi qal li s-sentenza mogħtija nhar l-1 ta' Frar 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet premessi, hija waħda ġusta u għalhekk timmerita li tiġi konfermata *in toto*;

12. L-intimata Awtorità tad-Djar wieġbet illi kollox ma kollox is-sentenza appellata ma għandhiex tigi disturbata. Hija sentenza tajba u t-talba għal zieda minima fil-kumpens tikkonferma kemm hija kappriċċuza u magħmula biss ghax l-appell huwa tant irħis għall-attur.

13. L-intimati Joseph Spiteri u Helen Spiteri wieġbu li ma humiex il-legittimi kontradittturi.

14. Għandu jiġi osservat illi dina l-Onorabbli Qorti ser timxi skont il-principji ta' **Cauchi vs Malta**, in kwantu l-kalkolu tal-kumpens dovut lir-rikorrent.

15. Il-Qorti Ewropea, fil-każ reċenti ta' **Cauchi v. Malta**, tal-25 ta' Marzu 2021, ipprovdiet illi l-kumpens dovut f'każijiet fejn il-liġi impunjata jkollha skop leġittimu fl-interess ġenerali, m'għandux jirrifletti l-valur lokatizju sħiħ li kien ikun perċepibbli fuq is-suq liberu.

16. Hekk ukoll, dan ġie mfisser f'din is-silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju 2023 ***Agostina sive Ina Cini et vs. L.Avukat***

***<u>tal-Istat et.</u>***

*»F'appelli ta' din ix-xorta fejn il-kwistjoni prinċipali tkun il-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti, u li sfortunatament qegħdin jieħdu ħafna mill-ħin ta' din il-Qorti, il-Qorti ad nauseam ilha tagħmel il-kalkolu tal-kumpens pekunjarju a bażi tal-linji gwida li ngħataw mill-QEDB fis-sentenza Cauchi v. Malta.*

*Jekk wieħed kellu jibbaża l-kalkolu tal-kumpens pekunjarju fuq l-istimi tal-perit tekniku, l-ewwel irid jitnaqqas 30% minħabba l-interess ġenerali fil-protezzjoni li l-liġi tagħti lill-inkwilin.*

*Mill-bilanċ jitnaqqas 20% oħra minħabba l-inċertezza dwar kemm il-fond kien ser ikun mikri għall-perjodu kollu.»*

17. Fil-każ ta' Cauchi, il-QEDB qalet li minn dan irid jitnaqqas ukoll il-kera li tħallset/kienet pagabbli mill-inkwilini skont il-liġi.

18. In konklużjoni, għalhekk, fid-dawl tal-provi dokumentarji in atti, jiġi kkunsidrat illi:

a. Ir-Rikorrent kien qiegħed jircievi l-ammont ta' kera ta' €212 fis-sena u għalhekk, il-valur totali ta' kera li rċieva r-rikorrent mill-2010 sal-2021 kien fl-ammont ta' €2,332[1];

b. Skont il-valur lokatizju ndikat mill-Perit Tekniku, ir-rikorrent kellu jipperċepixxi kera fl-ammont ta' €63,060[2] għal dan il-perjodu;

c. Il-kumpens pekunjarju qiegħed għalhekk jinħadem hekk:

[1] €212 x 11
[2] €4,662 x 3; + €5,180 x 3; + €6,290 x 3; + €7,332 x 2 = €63,060.

€63,060 – 30% għall-interess ġenerali = €44,142

€44,142– 20 % għall-possibbli perjodu mhux mikri = €35,313.60

€35,313.60 - €2,332 kera perċepita kif fuq maħdum = **€ 32,981.60**

19. Din il-Qorti qiegħda għalhekk tillikwida danni pekunjarji fl-ammont ta' tnejn u tletin elf disa' mija u wieħed u tmenin ewro u sittin ċenteżmu (**€32,981.60**);

20. Dwar Aggravju li ressaq r-rikorrent li għandu jiżdied l-ammont ta' danni morali għal €5,000, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ***Joseph Mary sive Joseph Duca et v. Reno Farrugia u Avukat tal-Istat*** deċiża fit-**3** ta' **Frar, 2023** qalet;

> *"li l-liġijiet li jikkontrollaw it-tiġdid tal-kiri ma kinux jgħaxxqu wisq lir-rikorrenti bħala sidien il-kera għaliex dawn il-liġijiet kellhom l-effett li jżommuhom milli jieħdu lura l-post għall-użu personali tagħhom u milli jitolbu l-kera li riedu. Telf ta' qligħ jew ta' flus però mhux bilfors iwasslu għal tbatija, tferfir jew taqtigħ il-qalb. Sensjazzjonijiet dawn, li ġeneralment jitqiesu bħala konsiderazzjonijiet fl-għoti tad-danni morali;*
>
> *Il-qorti tifhem li wieħed għandu jqis dawn is-sura ta' danni meta jeżistu ċirkostanzi fejn it-tiġrib konvenzjonali jwassal għal niket kbir, uġiegħ jew tbatija, sew jekk fil-forma fiżika sew jekk mentali. Għallinqas minn kif taraha l-qorti mhux għaliex instab li kien hemm ksur konvenzjonali allura bilfors ġew imġarrba danni morali. Fl-opinjoni tal-qorti d-danni morali għandhom jingħataw biss jekk jintwera bil-provi li dawn tabilħaqq ġew imġarrba;*

*Bħalma d-danneġġjat huwa mitlub jipprova d-danni pekunjarji, hekk ukoll huwa mitlub li jipprova d-danni morali, jekk huwa jkun qiegħed ifittixhom jew jippretendihom. Ir-regoli dwar il-provi tad-danni jgħoddu mhux biss għall-kawżi ċivili normali iżda jgħoddu wkoll għall-kawżi marbuta ma' ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem;*

*Fil-każ tal-lum, għalkemm il-qorti taċċetta li r-rikorrenti, seta' kellhom stennija mxennqa li jdaħħlu aktar flus mill-kiri tad-dar, madankollu b'daqshekk dan ma jfissirx li huma kien ħaqqhom ukoll li jieħdu danni morali għaliex ma għamlux dak il-qligħ. It-telf ta' qligħ huwa fattur li għandu jiġi meqjus fil-kuntest tad-danni pekunjarji iżda mhuwiex fattur li waħdu għandu jagħti lok għall-għoti ta' danni morali. Inkella d-danneġġjat ikun qiegħed jiġi kkumpensat għal darbtejn fuq l-istess ħaġa;*

*Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-kontroll fit-tiġdid tal-kera b'xi mod ġab xi tbatija fiżika jew mentali fuq ir-rikorrenti. Ħadd mir-rikorrenti ma tela' jixhed u qal li minħabba l-liġijiet dwar it-tiġdid tal-kera huma kellhom jidħlu f'xi sagrifiċċji finanzjarji jew f'xi tbatijiet żejda…*

*Minkejja dan kollu, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Francis Attard v. Avukat tal-Istat*** *deċiża fit-30 ta' Novembru, 2022 qalet li f'sitwazzjonijiet bħal dawn ir-rikorrenti xorta waħda għandhom jingħataw kumpens morali għaliex kif ġie mfisser mill-Qorti Ewropea fis-sentenza* ***Sargsyan v. Azerbaijan*** *tat-12 ta' Diċembru, 2017, «…non-pecuniary awards serve to give recognition to the fact that moral damage occurred as a result of a breach of a fundamental human right and reflect in the broadest of terms the severity of the damage."*

21. Hekk ukoll, din il-Qorti tirrileva li l-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza bl-ismijiet **B. Tagliaferro & Sons Limited vs. L-Avukat tal-Istat et deċiza f'12 ta' Lulju 2023** qalet:

*"Huwa żbaljat l-argument li fil-ġurisprudenza ġiet stabbilita xi regola fissa li l-kumpens non-pekunarju għandu jiġi kkalkolat fis-somma ta' €500 għal kull sena li tkun damet għaddejja l-leżjoni. Il-kumpens non-pekunarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun ġiet sofferta mill-vittma minħabba l-leżjoni li tkun ġiet konstatata mill-Qorti, u għalhekk huwa neċessarjament kwistjoni suġġettiva li tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ."*

22. F'dan il-każ, meta wieħed jitfa' dan kollu fil-qoffa, partikolarment il-fatt li l-ksur konvenzjonali dam għaddej bejn l-2010 u l-2021 u l-fatt li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova ta' telf ekwiparabbli għal danni morali li seta' ġarrab, il-Qorti tħoss li kumpens ta' tliet elef u tliet mija (€3,300) kif akkordat l-Ewwel Qorti għandu jkun wieħed biżżejjed bħala danni morali.

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti sejra tikkonferma l-ammont ta' danni likwidati f'danni morali mill-Ewwel Qorti u tiċħad l-aggravju tal-appell tar-rikorrent Reverendu Fr Carmel Busuttil li għandu jiżdied l-ammont ta' danni morali.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tirriforma s-sentenza appellata :

i. Tilqa' l-appell tar-rikorrent Reverendu Fr Carmel Busuttil, fis-sens li tħassar is-sentenza appellata fejn illikwidat il-kumpens li l-Avukat tal-Istat u l-Awtorità tad-djar għandhom jħallsu lill-attur fis-somma ta'

tnejn u għoxrin elf ewro **(€22,000)** u, minflok, tillikwida dak il-kumpens fis-somma ta' tnejn u tletin elf disa' mija u wieħed u tmenin ewro u sittin ċenteżmu (**€32,981.60**);

ii. Tiċħad t-tieni aggravju Aggravju tar-rikorrenti fl-appell rigward d-danni non-pekunjarju u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, inkwantu għal tliet elef u tliet mitt ewro (€3,300) danni non-pekunjarji:

iii. Spejjez għandhom jitħallsu kwantu għal kwint ($^{1}/_{5}$) mill-intimata Awtorità tad-Djar u r-rimanenti erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-intimat Avukat tal-Istat, skont l-ewwel sentenza u minħabba li l-appell tar-rikorrent intlaqa'.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss